# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 23 /2025

**Data tal-laqgħa:** 11 ta' Novembru , 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Loranna Bonniċi | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |

***Assenti***

| | |
|---|---|
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

**Uffiċjal Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |



MAz FD

MINUTI

## 23.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

23.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm żewġ ittri t' apoloġiji x'jinqraw. Waħda tal-kunsilliera Ritienne Carauna li kienet assenti ħabba raġunjiet mediċi. Kif ukoll il-Viċi Sindku Bernice Caruna likienet indipost ħabba raġunijiet ta' xogħol li inzertaw fil-ħin tal-laqgħa.

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 21 u 22

23.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet il-minuti tal-laqgħa numru 21 u 23(Laqgħa B'Urġenza) li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill-Kunsillier Joseph Schembrii dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

23.3.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammi kellu laqgħa reġonjali mal -ministru tal-enerġija fejn ġew diskussi bosta temi fosthom li issa t-tibdil tal-bozoz għal-LEDs ħa jsir mingħajr ħlas. Fuq dan ir-rigward il-kunsilliera Loranna Bonniċi saqsiet li fejn il-klabb tal-boċċi hemm bozza li ma taħdimx. Is-Sindku wieġeb li din qed tinbidel il-bozza imma qed tibqa' ma tixgħelx, issa din ħa jiġi ċċekkjat jekk hux imniżżla fil-GIS .



MAZ FD

23.3.1.2 Waqt din il-laqgħa issemmiet ukoll Triq santu rokku, li qed ikun hemm patching li ma jaqbilx mal-pavimentar u qed jiċċekjaw biex jiġu jagħmluha. U tiġi rranġata wara l-proġett ta' Vjal Kulħadd.

23.3.4 Hemm barriera wara l-inħawi ta' Robba u dawn daħlu bosta lmenti fejn qed jidħlu trakkijiet bejn l-4.00 u 8.00 ta filgħodu b'mod illegali fen qed joħolqu inkovenjent lir-residenti. Apparti n-noise pollution u l-ħmieġ ta' arja. Il-Public Works ħadu azzjoni fuq dan l-ilment, fejn qed isir infurzar imma min qed juża dan il-makkinarju oġġezzjona.

23.3.5 Fuq l-indafa s-Sindku Matthew Agius Zammit sostna li l-ħinjiet mhux qed isiru kollha , ħaddiem min tal-cleansing, b'effett immedjat kienet l-aħħar ġurnata u ġej ieħor.

23.3.6 Kien hem resident li talab għal no objection bie ikllu ħajt u dan bi ftehim li meta dan jinallab li jitneħħa dan ikollu jitneħħa immedjatament.

23.3.7 Komunikat ieħor li ġie mwassal kien li xogħlijiet tal - Water Service fis -17 ta' Diċrmbru, 2025 minn fejn il-grawnd tal-fubol ġewwa Ġnien Rousset

23.3.7 Is-Sindku wasal messaġ li meta jkun hemm festini fis-sala tal – Kunsill speċjalment meta jkun il-Ħadd dan qed joħloq inkovenjent għal meta jkun hemm l-anzjani tad-Day Cengre filgħodu. Għalhekk qablu li ħa togħla ftit il-kirja biex jiġi ukoll inkluż it-tindif. Ma' dan kien hemm qbil mil-membri kollha preżenti.

23.3.8 Is-sistema tal-Easipek ma tistax issir ħabba raġunijiet ta aċċessibilta. Għax il-post fejn ikun hemm il-posta irid ikun aċċessibbli 24/7 u jrid ikun fuq ġewwa ħabba l-elementi an-natura.



MAZ

FD

23.3.9 L-NSTS Malta għamlu talba biex jnaddfu area ġewwa Kirkop bħala parti minn proġett li qed isir min-naħa tagħhom. Ħa jintbagħat email biex naraw jekk bħala Kunsill Kirkop jintgħażilx.

23.3.10 Ħa jintbagħat Tender Lill -LESA għall- vann li jinkludi rampa u jkun għar-residenti. Dan ħa jsir mil-fond tat-Traffic Managment li kien ingħata fil-bidu tas-sena.

23.3.11 Fondi oħra mil-LESA: L-uffiċju qed jieħu *quote* mingħand kumpanija speċjalizzata fl-operat tal-kameras, peress li hemm interess li jiġu introdotti sistemi aktar avvanzati li jinkludu funzjonijiet bħal tip ta' karozza, number plate, kulur tal-vettura, kif ukoll kapaċità li jiġu monitorjati sa żewġ *lanes* fl-istess ħin. Il-kameras attwali huma adegwati, iżda s-sistema preżenti ma toffrix dawn il-funzjonijiet. Għaldaqstant, l-uffiċju ser jippreżenta dan il-punt f'laqgħa reġjonali sabiex jinstab kompromess f'koperazzjoni ma' Transport Malta, bil-għan li jinkisbu dawn it-tip ta' kameras. Dan qed jitqies bħala studju preliminari. Nofs il-fondi huma ppjanati għall-aċċess u n-nofs l-ieħor għall-akkwist tal-appara

23.3.12 Ħa ssir attività tal-logħob bil-preżenza tal- eċċelenza tagħha s-Sa. Mary Louise Coleiro nhar it-23 ta' Novembru, 2025. Din ġiet ppjanata mil-Kunsill għat-tfal.

21.3.13 Mill-fondi tal-Ewropa ser isir tiswija ta' sqaq li jgħaqqad mill-Aħfar sa Triq il-Gudja. F'din iż-żona hemm żewġ għelieqi. Is-sitwazzjoni hi li l-ispazju tas-sqaq kien iktar wiesgħa iżda ċ-ċint ta' wieħed mill-għelieqi tressaq 'il barra, u għalhekk hemm bżonn jittieħdu miżuri sabiex jerġa' jinġieb fil-pożizzjoni korretta. Il-proprjetarju ta' wieħed mill-għelieqi diġà ġie kkuntattjat u aċċetta li s-sqaq għandu jitranġa kif xieraq. L-aċċessibbiltà għal wheelchair u pushchair minn dan is-sqaq — li nbena biex ikun jista' jintuża minn kulħadd



mAL FD

— diġà ġiet diskussa mal-partijiet kollha involuti, sabiex ikun jista' jgawdiha kulħadd.

23.3.14 l-Malita għandha maisonette li bħalissa mhijiex mikrija. Din kienet tintuża bħala childcare iżda bħalissa tinsab vojta. Qed jiġi kkunsidrat jekk il-LEAP jistax jitħaddem minn hemm jew jekk għandhiex tintuża għal uffiċini oħra. S'issa hemm diskussjonijiet dwar devoluzzjoni tal-propjetà. Il-Malita indikaw li diġà beda proċess ta' diskussjoni sabiex fil-post jinħolqu uffiċini relatati mal-obesità. Bħalissa huma diġà qed jinkrew tliet sulari għall-klinika.

23.3.14.1 Sar ukoll kontroll tal-kuntratt li l-entità għandha mal-klinika. Meta ġew eżaminati d-dokumenti, irriżulta li l-kera hija ta' €950 fis-sena. F'dan l-istadju hemm bżonn li l-kuntratt jiġi rivedut, peress li l-perjodu wasal biex jagħlaq. Il-Kunsill beħsiebha titlob il-kontijiet dovuti għal dawn l-aħħar sentejn u mbagħad il-kuntratt jerġa' jiġi negozjat u rivedut.

23.3.14.2 Ħa ssir laqgħa mal-klinika, fejn ħa jiġi enfasizzat li s-servizzi ma jistgħux jitħaddmu mingħajr kopertura fis-Sibt u l-Ħadd, u wkoll mingħajr preżenza ta' tabib.

## 23. 4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillera

23.4.1 F'dan l-istadju l-Kusnilliera ma kellhom l-ebda mistoqisjiet.

## 23.5 Program Kulturali

23.5.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit issuġġerixxa li peress li matul is-sen ajkun hemm bosta avvenimenti. Dan għandu jinħoloq kaledarju t'attivtajiet u jiġi maqsum mar-residenti u l-pubbliku in ġenerali bie xb'hekk kemm jista' jkun jiġi evitat li jkun hemm attvitajiet li jaħbtu fl-istess ġranet. Ma' dan kien hemm qbil unanimu mil-kunsillera preżenti.



MAL FP

## 23.6 3rd Quarterly Financial Statement

23.6.1 F'dan l-istadju ngħaqdet mal-laqgħa l-accountant tal-Kunsill, li spjegat it-Third Quarterly Financial Statement u ppreżentat fejn jinsab il-Kunsill mill-aspett finanzjarju. Hija rrimarkat ukoll li, sal-aħħar tas-sena, il-Kunsill mistenni jikkonkludi b'persentaġġ tajjeb ta' finanzjament.

## 23.7 Attivitajiet mal-membri ta' Rousset (Ġemelaġġ)

23.7.1 Il-Kummissjoni Franċiża mistennija tasal għal dan il-ġemellaġġ, u diġà ġiet konfermata l-akkomodazzjoni li hija bbukkjata. Il-Kunsill se jorganizza reception fil-bini tiegħu bħala ċerimonja uffiċjali tal-ftehim u l-iffirmar tal-ġemellaġġ.

23.7.2 Bħala attivitajiet, ser isiru ikliet ta' nofsinhar organizzati miż-żewġ każini. Barra minn hekk, għall-Ħadd filgħodu hemm ippjanata ġita ta' sorpriża fil-viċinanzi. Se tintbagħat ukoll stedina lill-ex membri tal-Kunsill kif ukoll lil rappreżentanti mill-għaqdiet lokali.

## 23.8 Sommarju tal-Attivita' tal-Milied

23.8.1 Bħala attivitajiet għall-Villaġġ tal-Milied, ħafna mill-preparazzjonijiet diġà saru u kollox qed jimxi skont il-pjan. Fadal biss l-aħħar ftit aċċertazzjonijiet u konfermi mingħand il-vendituri. Għalhekk, jumejn qabel l-attività ser terġa' ssir laqgħa sabiex jiġu diskussi l-iżviluppi li seħħew u biex jiġi vverifikat jekk fadalx xi arranġamenti oħra li jridu jsiru.



MAL FD

## 23. 9 Bus Shelters

23.9.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit indika li xi bus shelters jinsabu f'kundizzjoni ħażina u maħmuġin, u jeħtieġ intervent immedjat ta' tindif u manutenzjoni.

23.9.2 Tavluna nqabdet biċċa konkos li waqgħet u teħtieġ tiswija sabiex tiġi eliminata kull periklu għar-residenti.

## 23.10 Devoluzjonijiet

23.10.1 Il-Kunsill ser japplika għad-devoluzzjoni sabiex il-billboards jiġu trasferiti taħt il-ġestjoni tiegħu. L-għan hu li, jekk ikun hemm fondi relatati, dawn ikunu jistgħu jittieħdu u jiġu amministrati direttament mill-Kunsill.

21.10.2 Qed tiġi segwita devoluzzjoni għal żona fi Triq Nerik Xerri. Is-sit għandu wkoll sqaq li jwassal lejn proprjetà ta' terzi persuni, fejn kien hemm rapporti ta' argument jew għajjat lejn xi ħadd.

21.10.2.1 L-iskop tad-devoluzzjoni hu li ż-żona tgħaddi taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill sabiex, f'każ li jkun hemm fondi jew interventi meħtieġa, dawn ikunu jistgħu jsiru b'mod awtonomu. Din iż-żona sservi wkoll bħala rabta bejn l-iskola u l-ġni

## 22.11 Rapport tal-ilmenti

23.11.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonnici semmiet li f'Triq San Anard reġa' nfetaħ l-inspection chamber. Intqal li dan għandu jinbena mill-ġdid bil-ħadid sabiex ikun aktar reżistenti. Il-Kunsill ser jikkuntattja r-Reġjun biex jiġi indirizzat dan l-intervent.

23.14.2 Il-Kunsillier Joseph Schembri spjega li jekk hemm bżonn tiġi nirriversjata deċiżjoni li saret minn xi ħadd, trid tgħaddi perjodu ta' sitt xhur qabel ma titressaq mozzjoni



MAZ FD

relatata. iL-membri prezzaw li dan il-punt ġie maqsum magħhom u ħa jkunu qed jiħedu dan f'kusniderazzjoni meta ssir xi deċiżjoni.

23.11.3 Illum ġew imċaqalqa s-sleeping policemen f'Triq San Pietru, kif ukoll ġew aġġustati dawk fi Triq Salvu Sacco u Triq il-Barrieri. Ġie rrimarkat ukoll li l-installazzjoni tal-bollards qed issir kontra l-policies stabbiliti u għandu jiġi rivedut dan il-punt.

23.11.4 Fi Triq San Pietru, iz-Zebbiegh u Triq Denny Camilleri (Lewziet), ser isir xogħol ta' manutenzjoni. Barra minn hekk, ġie suġġerit li jintużaw speed guns sabiex jiġu indirizzati l-ilmenti relatati mal-veloċità eċċessiva.

## 23.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

23.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru 168 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

23.12.2 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi resqet mozzjoni biex il-lista ta' pagmanei SKeda numru 168 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Matthew Agius Zammit, bi qbil unanimu mill-Kunislliera kollha preżenti.

## 23.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

23.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

23.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 9 ta' Diċembru, 2025 fil-17:00hrs

23.13.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19.20.

Kunsill Lokali ĦAL KIRKOP parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243
Matthew Agius Zammit
*Sindku*

Kunsill Lokali ĦAL KIRKOP parva non iners
31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243
Franklan Debono
*Executive Secretary*



MAL FD

**Mozzjoni Ref:** 59 /25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 21 u 22

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 11 ta' Novembru, 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**



MAZ FD

**Mozzjoni Ref:** 58 /25 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 168 tiġi approvata.

**Proponent**
Loranna Bonniċi

**Sekondant**
Matthew Agius Zammit

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 11 ta' Novembru , 2025

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**